



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 20 ta' Jannar 2020
(OR. en)

5033/20

CFSP/PESC 5
COPS 3
CLIMA 3
DEVGEN 2
ENV 5
ONU 2
RELEX 3

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima adottati fit-3742 laqgħa tal-Kunsill tal-20 ta' Jannar 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar id-Diplomazija dwar il-Klima

1. It-tibdil fil-klima huwa theddida eżistenzjali għall-umanità u għall-bijodiversità fil-pajjiżi u r-reġjuni kollha u jeħtieġ rispons kollettiv urġenti. L-Unjoni Ewropea qed turi sens ta' tmexxija u qed terfa' r-responsabbiltà tagħha. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019 approvaw l-oġettiv li tinkiseb UE newtrali għall-klima sal-2050, f'konformità mal-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Filwaqt li tqis ukoll ir-Rapport Speċjali tal-IPCC dwar tisħin globali ta' 1.5°C, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat il-Patt Ekoloġiku Ewropew tagħha li jressaq proposti għal transizzjoni fl-ekonomija kollha u strateġija ta' tkabbir sostenibbli, li jfittex li jkun kemm ġust kif ukoll inklużiv, u li għandu l-għan li jissalvagwardja l-prosperità filwaqt li jħares il-pjaneta tagħna. It-tmexxija mill-UE permezz tal-eżempju hija kruċjali biex tiżdied l-ambizzjoni globali b'mod ġenerali.
2. L-aħħar evidenza xjentifika, inklużi r-rapporti tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima (IPCC), turi li, minkejja l-isforzi globali, l-emissjonijiet dinjija qed ikomplu jiżdiedu. Is-sejba li l-Artiku qed jisħon b'rata ta' aktar mid-doppju tal-medja globali hija ta' tħassib partikolari b'konsegwenzi globali serji. Rapporti reċenti li juru li r-reġjun tal-Mediterran huwa żona ta' konċentrazzjoni tal-impatti tat-tibdil fil-klima, bi tnaqqis fil-preċipitazzjoni u żieda fit-temperaturi, huma sors ieħor ta' tħassib serju, bħalma huwa t-tisħin tal-Baħar Baltiku, il-Baħar l-Iswed u l-Baħar tat-Tramuntana b'rata ogħla mill-medja. Id-diskrepanza bejn il-livell preżenti ta' azzjoni u ambizzjoni globali, u l-għanijiet miftiehma tal-Ftehim ta' Pariġi qed tikber. Dan id-distakk huwa rifless f'moviment immexxi miż-żgħażaġh li jappella biex il-livell tal-azzjoni jlaħħaq ma' dak tax-xjenza. Il-Kunsill jissottolinja li l-2020 ser tkun sena kruċjali għall-ambizzjoni. L-UE tappella lill-partijiet kollha biex jaġġornaw il-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali (NDCs) tagħhom f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u biex iżidu ċ-ċarezza, it-trasparenza u l-fehim tal-NDCs tagħhom, u biex jikkomunikaw Strateġiji ta' Żvilupp fit-Tul b'Emissjonijiet Baxxi, f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi u li jirriflettu l-ogħla ambizzjoni possibbli b'rispons għall-urġenza li jiġi indirizzat it-tibdil fil-klima.

3. Għaldaqstant, hija kwistjoni ta' urġenza kbira li jissaħħaħ ir-rispons globali għall-emerġenza klimatika. L-Unjoni Ewropea hija determinata li tgħin iżżid l-ambizzjoni globali u ser tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tindirizza l-isfida tal-klima. L-isforzi lil hinn mill-UE jridu jiżdiedu b'mod urġenti. Il-Kunsill Ewropew ta' Diċembru appella lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli biex jagħtu attenzjoni partikolari lid-diplomazija dwar il-klima. Dan l-impenn internazzjonali ser jibni fuq l-ambizzjoni għolja tal-Unjoni Ewropea stess fis-setturi rilevanti kollha u ser ikun prijorità ewlenija għad-diplomazija Ewropea fl-2020.
4. Impenn internazzjonali msaħħaħ u sostnut huwa kruċjali biex it-tibdil fil-klima jiġi indirizzat b'suċċess. Il-Ftehim ta' Pariġi għadu l-qafas multilaterali indispensabbli li jirregola l-azzjoni klimatika. Madankollu, l-eżiti tal-25 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-NU dwar it-Tibdil fil-Klima (COP25) f'Madrid jissottolinjaw il-ħtieġa urġenti għal aktar azzjoni mill-istati, l-awtoritajiet lokali u reġjonali, is-soċjetà ċivili u s-settur privat, inklużi l-istituzzjonijiet finanzjarji.
5. Jeħtieġ li l-Unjoni Ewropea thegġegħ lill-pajjiżi terzi biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom flimkien mal-Unjoni Ewropea. L-Unjoni Ewropea ser issaħħaħ l-appoġġ tagħha għall-Partijiet rilevanti fir-reviżjoni u l-implimentazzjoni tal-Kontributi Stabbiliti fil-Livell Nazzjonali, inkluż permezz tas-Sħubija dwar l-NDC, u fit-tfassil ta' strateġiji ambizzjużi fit-tul, inkluż qabel il-COP 26 fi Glasgow, bl-għan li tinholq l-ogħla ambizzjoni possibbli. L-Unjoni Ewropea ser tkompli taġixxi bħala sieħeb kostruttiv iżda wkoll assertiv. Dan ser jiġi appoġġat permezz tal-istrumenti kollha ta' politika esterna tagħna, inklużi strumenti finanzjarji sostenibbli u l-politika kummerċjali, sabiex nippromwovu żvilupp sikur u sostenibbli, b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet b'effett ta' serra u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. Filwaqt li jfakkar fil-ħtieġa li tinkiseb newtralità klimatika b'mod li jippreserva l-kompetittività tal-UE, inkluż bl-iżvilupp ta' miżuri effettivi biex tiġi indirizzata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju b'mod kompatibbli mad-WTO, il-Kunsill jinnota l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tipproponi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri li jikkonċerna s-setturi b'intensità qawwija ta' karbonju. Il-Kunsill ifakkar li l-ftehimiet tal-UE ma' pajjiżi u reġjuni terzi jipprovdu wkoll opportunitajiet għal djalogu u kooperazzjoni ma' pajjiżi sħab dwar il-klima u l-ambjent. Jeħtieġ li l-faċilitajiet f'pajjiżi terzi jaderixxu mal-ogħla standards internazzjonali ambjentali u ta' sikurezza.

6. Il-Kunsill ifakkar fl-impenn kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Dan jagħmel parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati biex b'mod konġunt, mill-2020 u sal-2025, jimmobilizzaw USD 100 biljun fis-sena għal skopijiet ta' mitigazzjoni u adattament fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw, minn firxa wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza fir-rigward tal-implimentazzjoni u jenfasizza l-hteġa għall-parteċipazzjoni ta' firxa usa' ta' kontributori. Il-Kunsill jilqa' l-inizjattivi fil-livell nazzjonali u internazzjonali dwar il-finanzjament sostenibbli u n-newtralità klimatika, bħall-Koalizzjoni tal-Ministri għall-Finanzi għall-Azzjoni Klimatika u l-Pjattaforma Internazzjonali dwar il-Finanzjament Sostenibbli li tnedew reċentement.
7. B'mod parallel, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri ser isaħħu l-impenn bilaterali dwar l-azzjoni klimatika ma' pajjiżi sħab u organizzazzjonijiet reġjonali. Bħala kwistjoni ta' prijorità ser naħdmu mal-ekonomiji tal-G20 li mhux qegħdin fl-UE li jipproduċu tliet kwarti tal-emissjonijiet globali tal-gassijiet serra, kif ukoll mal-pajjiżi l-aktar vulnerabbli milquta b'mod partikolari mit-tibdil fil-klima, inklużi l-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati u l-Istati Gzejjir Żgħar li qed Jiżviluppaw biex jadattaw għar-realtajiet ġodda tat-tibdil fil-klima u jsaħħu r-reżiljenza għall-impatti negattivi tiegħu, u jippromwovu l-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli. F'dan il-kuntest, l-UE ser tkompli tħares, tippromwovi u tipproteġi d-drittijiet tal-bniedem kif ukoll l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u t-tiŝiħ tal-pożizzjoni tan-nisa.

8. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu segwiti approċċi mfassla apposta għall-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li titqies il-ħtieġa għal transizzjoni ġusta u soċjalment ibbilanċjata bħala faċilitatur tal-azzjoni klimatika. Dan ifisser il-promozzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi minn oħrajn, abbażi ta' analiżi robusta ta' fejn jistgħu jinkisbu r-riżultati, u billi jintwerew il-kisbiet ambjentali u ekonomiċi kif ukoll il-ġid globali jekk titwaqqaf iż-żieda fit-temperatura. L-azzjonijiet biex tiġi aċċellerata l-azzjoni klimatika fil-pajjiżi sħab, kemm permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni kif ukoll permezz ta' miżuri ta' adattament, ser jinvolvu s-setturi kollha tal-ekonomija – bħal fl-UE – li jeħtieġu t-tisħiħ tad-djalogi bilaterali u l-kooperazzjoni teknika eżistenti. L-Istati Membri bi programmi eżistenti dwar il-klima u l-enerġija ma' pajjiżi tal-G20 li mhux qegħdin fl-UE ser jaqsmu l-esperjenzi dwar l-involviment bilaterali tagħhom biex jiżguraw Diplomazija dwar il-Klima tal-UE li tkun koeżiva u effiċjenti, li tista' tinkludi wkoll sforzi biex tiġi indirizzata d-deforestazzjoni, tiġi promossa l-ġestjoni integrata tar-riżorsi tal-ilma u tiġi ppreservata l-bijodiversità. Għandu jiġi esplorat ukoll l-involviment innovattiv ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet, tas-soċjetà ċivili u tan-negozju, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-oqfsa eżistenti.
9. Is-Summit bejn l-UE u ċ-Ċina f'Beijing u l-laqgħa tal-Mexxejja f'Leipzig, is-Summit bejn l-UE u l-Ġappun, is-Summit bejn l-UE u l-Unjoni Afrikana u s-Summit bejn l-UE u l-Indja u avvenimenti internazzjonali ewlenin oħra fl-2020, bħall-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Oċeani f'Lisbona u l-15-il Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Bijodiversità f'Kunming, joffru opportunitajiet tajbin biex jissaħħu l-alleanzi u l-azzjoni dwar il-klima u l-ambjent, matul sena kritika fid-diskussjonijiet internazzjonali dwar il-klima, l-oċeani u l-bijodiversità. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, ir-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri ser jenfasizzaw aktar l-appoġġ għall-isforzi tal-ġirien immedjati tal-UE – fil-viċinat tan-Nofsinhar, il-Pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant u l-Balkani tal-Punent, b'mod partikolari r-regġuni u s-setturi tagħhom l-aktar milquta mit-transizzjoni.

10. L-Unjoni Ewropea hija konxja ħafna li t-tibdil fil-klima jżid ħafna t-theddid għall-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali, u b'mod partikolari jaffettwa lil dawk li jinsabu fl-aktar sitwazzjonijiet fraġli u vulnerabbli, filwaqt li jsaħħaħ il-pressjonijiet ambjentali u r-riskju ta' diżastri, u jikkontribwixxi għat-telf tal-għajxien u li jisforza l-ispostament tal-persuni. Ir-Rappreżentant Għoli, il-Kummissjoni u l-Istati Membri ser ikomplu jqisu l-fatturi u r-riskji klimatiċi u ambjentali, inkluż dawk marbuta mal-ilma, fl-impenn strateġiku tagħna ma' pajjiżi sħab u jaħdmu fuq miżuri preventivi bħal pereżempju sistemi ta' twissija bikrija. Il-Kunsill ikompli jħeġġeġ lill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU (KSNU) u s-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti biex joħlqu bażi ta' informazzjoni komprensiva għall-KSNU dwar ir-riskji għas-sigurtà relatati mal-klima, biex jintegraw bis-siġħ fuq perijodu ta' żmien qasir u fit-tul fatturi ta' riskju ambjentali u għall-klima fil-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' theddidiet għall-paċi u s-sigurtà, fil-livell ta' pajjiż, reġjonali u internazzjonali, u biex jagħmlu użu mill-kompetenza tas-sistema sħiħa tan-NU sabiex jinstabu risponsi operazzjonali għal dawn ir-riskji u jissaħħu l-missjonijiet tan-NU fuq il-post.
11. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17 ta' Ġunju 2019 dwar is-sigurtà u d-difiża li jirrikonoxxu r-rilevanza ta' kwistjonijiet ambjentali u t-tibdil fil-klima għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, inkluż l-impatt tagħhom fuq l-ippjanar u l-iżvilupp tal-kapaċità militari fir-rigward tar-rabta bejn il-klima u s-sigurtà. Il-Kunsill jappella biex din il-ħidma tkompli tavanza u biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-atturi differenti mingħajr preġudizzju għall-awtonomija tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-UE.
12. Bħala segwitu għall-Konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-12 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill jappella lir-Rappreżentant Għoli, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex sa Ġunju 2020 jaħdmu b'mod konġunt u urġenti lejn approċċ strateġiku għad-Diplomazija dwar il-Klima li jidentifika modi konkreti u operazzjonali biex jintlaħqu l-għanijiet ippreżentati f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill. Il-kompitu ser ikun appoġġat min-Netwerk Diplomatiċu Ekoloġiku tal-UE, li jiżgura sinerġija sħiħa mad-diplomazija dwar l-enerġija tal-UE, u ser jimmobilizza r-riżorsi kkombinati tad-delegazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea u tal-ambaxxati tal-Istati Membri fil-pajjiżi terzi. Il-Kunsill ser jerġa' lura qabel il-COP26 fl-2020 fi Glasgow.